# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Saviour Vassallo**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Saviour Vassallo, detenur tal-karta tal-identita bin-numru 510265(M) fejn ġie mixli talli fis-17 ta' Novembru, 2015 ġewwa l-Marsa : -

(a) Inġurja jew hedded b'mod mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien provokat inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limit tal-provokazzjoni lil Jesmond Bartolo u dan bi ksur tal-Artikoli 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) Ħebb kontra Jesmond Bartolo sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara lilu jew lil ħaddieħor u dan bi ksur tal-Artilolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor liema ħsara tammonta għal aktar minn €23.29 iżda anqas minn €116.47 għad-dannu tal-Istamperija tal-Gvern u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat id-dokumenti;

Semgħet lix-xiehda prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat : -**

Illi mill-assjem tal-provi prodotti, din il-Qorti jidhrilha li l-Prosekuzzjoni ippruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. L-imputat u l-parte civile huma kollegi fuq il-post tax-xogħol tagħhom fl-Istamperija tal-Gvern. Irriżulta li għal xi raġunijiet ir-relazzjoni ta' bejniethom marret għall-agħar u b'xorti ħażina kien hemm forsi anke tefa l-ħatab fuq in-nar.

Il-fatt jibqa' li f'dan il-każ jirriżulta li l-imputat tilifha u l-provi juru li, f'mument ta' rabja, l-imputat fil-fatt inġurja lill-Parte Civile kif ukoll ħebb għalih. F'dan il-kuntest ġie ppruvat ukoll li l-imputat kisser ħġieġa tal-bieb tal-aluminium. L-imputat jikkontendi li din inqalgħet billi nbeżżqet minn postha wara li l-bieb ħabat ma saqajh jew weħel. Meta tqis l-inċident kif seħħ skont ix-xiehda tal-persuni kollha f'dan il-każ, il-Qorti tqis li din l-ispjegazzjoni mhix waħda kredibbli.

Il-Qorti hija konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-ħġieġa inkisret mill-imputat fid-dagħdiha li kien fiha fil-mument li fih (skont kif xehed il-parte civile, li xehed li rah) kien qiegħed jissara mal-bieb. Inoltre l-provi indiretti juru li l-ħġieġa mhux veru inbeżqet il-barra u dan peress li mir-ritratt eżibit bħala dokument X it-tieqa tidher

kjarament mifqugħa u li parti minnha baqgħet imwaħla fil-frame tal-bieb. Li kieku inbeżqet minn postha kif xehed l-imputat wieħed kien raġonevolment jistenna li kienet tinbeżaq kollha kemm hi u mhux biċċa minnha tibqa' mwaħla mal-frame. Inoltre, jirriżulta li bejn l-imputat u l-parte civile ma kien hemm ebda kollutazzjoni. Għalhekk il-ġrieħi sofferti mill-imputat jirriżultaw li seħħew minħabba l-ksur tal-ħġieġa.

Għalkemm huwa każ li jidher ċar li l-imputat żbalja fi kliemu u f'egħmilu, il-Qorti tqis li dan mhux każ li jimmerita piena karċerarja. Il-Qorti tqis ukoll li ai fini tal-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali l-Prosekuzzjoni ippruvat soddisfaċentement li l-ħġieġa in kwistjoni hija proprjeta pubblika. Għalkemm minħabba l-fatt li l-proprjeta pubblika din il-Qorti hija marbuta bit-termini tat-tielet proviso tal-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali timponi wkoll il-piena tal-multa, f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma resqitx l-aħjar prova dwar il-valur tal-imsemmija ħġieġa u ħsara li saret u għalhekk din il-Qorti mhix f'posizzjoni li timponi l-piena tal-multa ekwivalenti għall-ħsara li saret.

## *Decide : -*

Li wara li rat l-Artikoli 325(1)(c), 339(1)(d)(e) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda ssib lil Saviour Vassallo ħati tal-imputazzjonijiet migjuba

kontra tiegħu.  Kwantu għall-piena, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ, tqis li f'dan il-każ mhux spedjenti li twaħħal piena kontra l-ħati iżda li minflok qegħda tagħmel ordni li permezz tagħha tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum u dan wara li spjegatlu bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

Inoltre wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigruta tal-parte civile Jesmond Bartolo kif ukoll sabiex tipprovdi għall-ħarsien u ż-żamma tal-pubbliku bon ordni, il-Qorti qegħda torbot lil ħati taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta' sena millum taħt penali t'elf euro (€1000).

***Mogħtija fil-Qrati tal-Ġustizzja, il-Belt Valletta, illum, 28 ta' Marzu, 2017.***

***Aaron M. Bugeja***